# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1152/2016 MH**

**Illum, 15 ta' Marzu, 2019**

**Av Malcolm Falzon (karta ta' l-identita' numru 129280M) bħala mandatarju speċjali ta' Boston Prime Limited - In Special Administration c/o Rollings Butt LLP, 6 Snow Hill, London, EC1A 2AY, soċjeta' rreġistrata l-Ingilterra b'numru ta' reġistrazzjoni 07435569**

**vs**

**FXDD Malta Limited (C 48817)**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' l-Av Malcolm Falzon bħala mandatarju speċjali ta' Boston Prime Limited - In Special Administration (numru ta' reġistrazzjoni 07435569) ("BPL") tal-20 ta' Diċembru 2016** li permezz tiegħu espona:

1. *"L-Avukati Malcolm Falzon u Francesca Galea Cavallazzi huma awtorizzati li jaġixxu bħala mandatarji ta' BPL ai termini ta' prokura (kopja hawn annessa u mmarkata 'Dok.1');*

2. *BPL hija soċjeta' rreġistrata fl-Ingilterra u li kienet awtorizzata mill-*Financial Conduct Authority *sabiex: (i) twettaq attivitajiet regolati; (ii) tirranġa* deals *f'investimenti; (iii) tirranġa għal-*safeguarding *u amministrazzjoni ta' assi; (iv) tinnegozja fl-investimenti bħala aġent; (v) tinnegozja fl-investimenti bħala prinċipal; u (vi) tagħmel arranġamenti bl-għan ta' negozju fl-investimenti. B'effett mid-9 ta' Frar 2015, il-*High Court of Justice, Chancery Division *ħatret lil Michael David Rollings u Steven Edward Butt bħala amministraturi speċjali ta' BPL (kopja ta' l-*ordni *tal-*High Court of Justice *hawn annessa bħala 'Dok.2').*

3. *In-negozju prinċipali ta' BPL kien ta'* foreign exchange derivative transactions*. F'dan in-negozju, BPL kienet taġixxi bħala* matched principal*, jiġifieri it-*trades *li kienet tagħmel ma' klijenti tagħha kienu ntiżi li jaqblu mal-likwidita' pprovduta minn* market counterparties*. B'dan il-*mod*, BPL ma kenitx tassumi r-riskju inerenti f'dawn it-*trades*.*

4. *Is-soċjeta' intimata ("**FXDD**") kienet taġixxi bħala* liquidity providing counterparty *għat-*trades *ta' BPL. Għal dan il-għan, BPL kellha kont ma' FXDD u r-relazzjoni bejn FXDD u BPL kienet irregolata minn* Customer Agreement*,(il-"**Kuntratt**") flimkien ma'* application form *(kopja tal-Kuntratt u l-*application form *hawn annessi bħala 'Dok.3').*

5. *Ai termini tal-Kuntratt, BPL kellha kont ma' FXDD. BPL kienet tiddepożita fondi f'dan il-kont minn żmien għal żmien, sabiex FXDD tagħmel* trades *għal, u fuq l-istruzzjonijiet ta', BPL. It-trasferiment minn FXDD ta' fondi ddepożitati fil-kont ta' BPL miżmum ma' FXDD kien jirrikjedi l-approvazzjoni u l-istruzzjonijiet ta' rappreżentant ta' BPL. Dawn l-*

*istruzzjonijiet kienu tipikament jingħataw minn jew għan-nom ta' George Popescu, l-uniku direttur ta' BPL.*

6. *Fit-22 ta' Jannar 2015, sar trasferiment ta' tlett miljun dollar Amerikan ($3,000,000) mill-kont li BPL kellha ma' FXDD (kopja ta' l-istatement hawn annessa u mmarkata 'Dok.4') (it-"**Trasferiment**") lil kont ieħor ta' entita' oħra li ukoll kellha kont ma' FXDD.*

7. *It-Trasferiment ma kienx awtorizzat minn BPL, u FXDD ma kellha l-ebda dritt jew awtorita' li teffettwa t-Trasferiment mingħajr struzzjonijiet. Wara t-Trasferiment, BPL talbet lil FXDD diversi drabi sabiex tispjega u tissotanzja r-raġunijiet għat-Trasferiment. L-unika spjega minn FXDD kienet li George Popescu awtoriżża t-Trasferiment, iżda l-ebda struzzjonijiet għat-Trasferiment ma ngħataw minn George Popescu.*

8. *It-Trasferiment jikkostitwixxi ksur ta' l-obbligi kuntrattwali, statutorji (inkluż ai termini tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi Skond l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Avviż Legali 240 tal-1998 kif emendat minn żmien għal żmien)) u fiduċjarji ta' FXDD lejn BPL.*

9. *BPL soffriet danni bħala riżultat ta' l-azzjonijiet ta' FXDD.*

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddeċiedi u tiddikjara li FXDD kisret l-obbligi tagħha ai termini tal-Kuntratt u kisret ukoll l-obbligi statutorji u fiduċjarji tagħha lejn is-soċjeta' rikorrenti;*

2. *Tiddikjara li, bħala konsegwenza ta' l-azzjonijiet ta' FXDD, is-soċjeta' rikorrenti soffriet danni u tiddikjara lil FXDD responsabbli għal tali danni;*

3. *Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti bħala konsegwenza ta' l-azzjonijiet ta' FXDD;*

4. *Tordna lil FXDD tħallas id-danni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax u b'riżerva għall-kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta rikorrenti."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' FXDD Malta Limited tal-20 ta' Frar 2017**[1] li permezz tagħha esponiet:

1. *"Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, qed jiġi eċċepiet in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża stante illi t-trasferiment li għalih qed issir referenza fi klawsola numru sitta (6) tar-rikors ġuramentat promotur, u li jikkostitwixxi l-bażi ta' din l-azzjoni, ma ġiex imwettaq mis-soċjeta' intimata, iżda ġie mwettaq minn entita' estera ġewwa New York, fl-Istati Uniti, u l-entitajiet li għalihom qed issir referenza li minnhom/għalihom saru t-trasferimenti relattivi huma wkoll esteri – Boston Prime Limited, is-soċjeta' attriċi f'dawn il-proċeduri, debitament rappreżentata, u BT Prime Limited, soċjeta' estera reġistrata taħt il-leġislazzjoni ta' Bermuda bin-numru ta' reġistrazzjoni EC49242. Illi*

[1] Fol 66 et seq

*jsegwi għalhekk illi b' applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikolu 742 (1) tal-Kap 12 tal-Liġi ta' Malta, din l-azzjoni ma tistax tiġi trattata u deċiża hawn Malta, stante illi ma jeżisti ebda ness ġuridiku bejn l-azzjonijiet, t-trasferiment mertu ta' din l-azzjoni u s-soċjeta' eċċipjenti, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din l-eċċezzjoni.*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepiet, u wkoll in linea preliminari, jiġi eċċepiet ukoll illi s-soċjeta' rikorrenti, kif debitament rappreżentata, 'ġia avvanzat il-pretensjonijiet tagħha, u li jifformaw il-mertu ta' din l-azzjoni, fi proċeduri separati li hemm pendenti ġewwa l-Istati Uniti istitwiti mis-soċjeta' estera BT Prime Limited, u liema azzjoni ġiet rivolta wkoll fil-konfront tal-eċċipjenti, bħala intimata flimkien ma' soċjetajiet oħra esteri; parti mill-mertu li qed jiġi trattat f' dik l-azzjoni huwa preċiżament il-mertu tal-azzjoni odjerna. Illi l-azzjoni in kwistjoni tinsab pendenti quddiem l-Onorabbli United States Bankruptcy Court, District of Masachusettes, bin-numru ta' referenza 15-10745-FJB, liema azzjoni ġiet proposta fid-19 ta' Ottubru 2016; illi tali azzjoni tittratta t-trasferiment mertu ta' din l-azzjoni, fost trasferimenti oħra bejn diversi entitajiet esteri oħra. Illi jsegwi għalhekk illi l-azzjoni odjerna hija dupplikazzjoni tal-proċeduri li diġa' hemm pendenti ġewwa l-Istati Uniti, u kemm-il darba jkun hemm eżitu a favur tas-soċjeta' rikorrenti fiż-żewġ proċeduri, allura jiġi kostitwit titolu eżekuttiv doppju dwar l-istess materja, bl-implikazzjonijiet legali li dan iġib miegħu. Illi jsegwi għalhekk illi kemm-il darba din l-azzjoni tipproċedi bis-smiegħ tagħha, allura ser ikun hemm ksur flagranti tal-prinċipju legali basilari ta' ne bis in idem. Illi għalhekk is-smiegħ u trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri għandu jiġi sospiż, pendenti eżitu fil-proċeduri li jinsabu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti estera hawn fuq imsemmija, u dan b'applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikoli 792 u 794 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jittrattaw dwar il-prinċipju ta' lis alibi pendens. Illi din l-eċċezzjoni qed tiġi*

*sollevata fid-dawl tal-fatt illi kif 'ġia ġie rilevat aktar 'l fuq, il-proċeduri ġewwa l-Istati Uniti ġew proposti f'Ottubru 2016, u għalhekk jippreċedu dawn odjerni.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċeipet, u wkoll in linea preliminari, l-azzjoni odjerna hija nulla u irrita stante illi l-mandatarji f'dawn il-proċeduri m' għandhomx locus standi sabiex jipproponu din l-azzjoni. Illi dan qed jiġi eċċepiet fid-dawl tal-prinċipju illi delegatus non potest delegare. Illi ai termini tal-Special Administration Order, li kopja tagħha tinsab esebita mar-rikors ġuramentat u mmarkata bħala "Dok. 2", l-amministraturi nominati mill-Onorabbli High Court of Justice, Chancery Division, ġew awtorizzati sabiex iwettqu "all of the functions of a special administrator and in particular any act required or authorised under any enactment to be done by an administrator may be performed by any or all of the Joint Special Administrators", b'dan illi l-istess dokument jipprovdi ulterjorment illi "the Joint Special Administrators are authorised in the special administration proceeding to administer the reorganisation and/or the liquidation of the Company' assets and affairs and to act as representatives of the special administration proceeding". Illi minn tali ordni jirriżulta illi l-Special Administrators li ġew nominati mill-Onorabbli High Court tal-Ingilterra ngħataw funzjonijiet u kompetenza specifika, u mill-atti li ġew esebiti mal-proċeduri odjerni ma jirriżultax sodisfaċentement illi tali Special Administrators ingħataw il-fakolta' mill-Onorabbli Qorti estera illi jiddelegaw l-awtorita' tagħhom lil terzi – f'dan il-kaz il-mandatarji li istitwew dawn il-proċeduri – sabiex jittieħdu u jiġu proposti proċeduri ġudizzjarji barra l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Inglizi. Illi jsegwi għalhekk, illi minkejja li ġiet mħejjija u ppreżentata l-prokura speċjali, li tinsab mehmuża mal-atti u li ġiet immarkata bħala "Dok. 1", tali delega m' hix valida fid-*

*dawl tar-rwol speċifiku li għandhom l-Special Administrators, u għalhekk din l-azzjoni ma setgħetx tiġi proposta mill-imsemmija mandatarji.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn fuq sollevati, u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma legalment u fattwalment insostenibbli u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti stante illi;* ***(i)*** *it-trasferiment li dwaru ġiet proposta din l-azzjoni hija accounting entry, u ma kienx hemm trasferiment proprju ta' fondi bejn kont u ieħor għaliex tali fondi baqgħu fil-client account u tali fondi ma daħlux fiżikament fil-kont bankarju tal-eċċipjenti, u* ***(ii)*** *fi kwalunkwe każ tali trasferiment sar bejn żewg entitajiet – l-imsemmija Boston Prime Limited u BT Prime Limited – li t-tnejn kellhom azzjonisti komuni, u ċioe' BT Trading Limited, kif ukoll direttur komuni senjatament George Popescu. Illi s-soċjeta' BT Trading Limited, reġistrata f' Belize bin-numru ta' registrazzjoni 87,996 kellha bhala azzjonist prinċipali lill-imsemmi George Popescu, filwaqt illi d-diretturi tagħha kienu l-imsemmi George Popescu flimkien ma' żewġ persuni oħra, u ċioe' Alexandra Shainskaya u Victoria Bershtat, u dan kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazjoni tal-kawża tramite tad-dokumentazzjoni relattiva. Illi t-trasferiment in kwistjoni ġie rikjest u awtorizzat mill-imsemmi George Popescu, u dan ghall-beneficcju uniku u esklussiv tal-imsemmi Popescu, li kien l-azzjonist prinċipali u ultimate beneficial owner taż-żewġ entitajiet li fuq il-kotba tagħhom saru t-trasferimenti in kwistjoni, u l-eċċipjenti ma kellha ebda interess u ma kienet ser tagħmel ebda gwadann mit-trasferiment odjern. Illi minn informazzjoni li għandha l-eċċipjenti, tali trasferiment ġie rikjest minn George Popescu sabiex seta' jkompli bit-trading ta' dawn iż-żewġ entitajiet, senjatament is-soċjeta' BT Prime Limited u kien għalhekk illi sar it-trasferiment għal fuq il-kotba tagħha, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Illi sussegwentement, fi Frar 2015 sar trasferiment parzjali lura, u dan ukoll kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Illi*

*għalhekk, u se mai, għandu jirrispondi l-istess George Popescu ghal tali azzjoni, peress li hu ta l-istruzzjoni relattiva.*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepiet u fil-mertu, b'referenza għat-talba li saret mir-rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-eċċipjenti kisret l-obbligi tagħha ai termini tal-Kuntratt, jiġi umilment rilevat illi tali allegazzjoni hija għal kollox bla bażi u fiergħa. Illi jkun opportun illi jiġi rilevat illi l-Customer Agreement, u ċioe' "Dok 3" mehmuz mar-rikors promotur huwa datat 5 ta' Marzu 2015, filwaqt illi l-paġna tal-firem hija datata 4 ta' Awissu 2014. Illi għalhekk ir-rikorrenti għandhom jirregolaw ruħhom f' dan ir-rigward, stante illi l-ftehim li ġie mehmuż mal-atti mhux dak iffirmat u ratifikat mill-partijiet u li għalhekk jorbot lill-istess partijiet.*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepiet, u wkoll fil-mertu, l-eċċipjenti tagħmel referenza għad-dokumentazzjoni mehmuza mar-rikors promotur, senjatament id-dokument intestat Corporate Resolution Document, minn fejn jirriżulta illi s-soċjeta' Boston Prime Limited iddelegat awtorita' lid-direttur tagħha, George Popescu, sabiex fost oħrajn " ... (f) to place oral orders with any authorised representative of FXDD Malta ... "; illi għalhekk meta r-rikorrenti konvenjentement jallegaw fi klawsola numru seba' (7) tar-rikors promotur illi " ... l-ebda struzzjonijiet għat-Trasferiment ma ngħataw minn George Popescu ...", u tenut kont illi tali asserzjoni hija l-qofol ta' din l-azzjoni, jeħtieġ illi tali dikjarazzjoni tigi sostanzjata mir-rikorrenti a sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, stante illi l-eċċipjenti qed tikkontesta tali allegazzjoni bħala inveritiera u infondata, u dan għal raġunijiet li ser jirriżultaw ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Illi għandu jirriżulta kjarament minn dak hawn rilevat illi l-persuna li kien ser jibbenefika minn tali trasferiment kien l-imsemmi George Popescu; illi għalhekk m'hux suffiċjenti illi jiġi allegat minnu illi ma ta ebda struzzjonijiet sabiex isir it-*

*trasferiment in kwistjoni sabiex jiġi skolpat mir-responsabilita' għall-akkadut, għaliex mill-fatti tal-każ għandu jirriżulta mod ieħor.*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepiet u b'referenza għad-dikjarazzjoni li saret mir-rikorrenti illi l-eċċipjenti kisret obbligi statutorji u fiduċjarji fil-konfront tas-soċjeta' estera Boston Prime Limited, jeħtieġ illi r-rikorrenti jindikaw speċifikament liema huma tali obbligi u ai termini ta' liema provvedimenti tal-Liġi qed issir tali dikjarazzjoni, stante illi l-eċċipjenti għandhom ikollhom l-opportunita' illi jikkontestaw adegwatament tali allegazzjoni u jressqu l-eċċezzjonijiet opportuni in rigward, u f'dan ir-rigward qed jirriżervaw id-dritt tagħhom illi jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi.*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepiet, in subsidium u mingħajr ma jiġi meqjus illi hemm xi forma ta' aċċettazzjoni in rigward tat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti, jeħtieġ illi r-rikorrenti jipprovaw a sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti d-danni allegatament sofferti minnhom, u kif tali danni rriżultaw bħala konsegwenza diretta ta' xi aġir u/jew nuqqas attribwibbli lill-eċċipjenti. Illi fi kwalunkwe każ, u fid-dawl tal-fatt illi t-talba tar-rikorrenti hija għal-likwidazzjoni tad-danni, ma għandhux jiddekorri ebda imgħax.*

9. *Illi konsegwentement, it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti.*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Liġi."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat illi l-kawża baqgħet differita għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta li tikkonċerna l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tisma' l-każ.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet dwar din l-eċċezzjoni.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u rat in-Noti tagħhom.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-kontendenti fil-kawża kienu ffirmaw *"customer agreement"* li jirregola r-relazzjoni kummerċjali ta' bejniethom. Fil-kawża odjerna is-soċjeta' attriċi qegħda tfittex lis-soċjeta' konvenuta għad-danni in kwantu allegatament din tal-aħħar kisret l-obbligi kuntrattwali, statutorji u fiduċjarji tagħha lejha meta trasferiet somma ta' dollari Amerikani ammontanti għal $3,000,000 lil entita' oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-soċjeta' attriċi kif jistupula l-ftehim imsemmi.

Minn naħa tagħha fil-mertu s-soċjeta' konvenuta tirrespinġi fermement dawn l-allegazzjonijiet u tiċħad li kien hemm ksur tal-obbligi kuntrattwali tagħha. Hija qajment ukoll xi eċċezzjonijiet preliminari fosthom dik dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti.

**A. PROVI**

1. Xehed **George Alex Popescu, direttur tas-soċjeta' attriċi**[2] li qal li BPL kienet reġistrata fir-Renju Unit fl-10 ta' Novembru 2010 bin-numru tal-kumpanija 07435569. Preċedentement is-soċjeta' kienet magħrufa bħala BT Prime Ltd iżda f'Diċembru 2011 bidlet isimha għal Boston Prime Ltd. Huwa ilu jokkupa l-kariga ta' direttur minn mindu ġiet inkorporata BPL. F'perjodi diversi kien hemm Mitchell Max Eaglstein, David Leslie Hastings u Kevin Millien

[2] Fol 74 et seq

bħala diretturi ta' BPL iżda maż-żmien kienu rriżenjaw kollha u sa minn Mejju 2014 huwa kien l-uniku direttur ta' BPL.

BPL kienet awtorizzata mil-*UK Financial Conduct Authority* biex twettaq attivitajiet regolati, tirranġa *deals* f'investimenti u tirranġa għal *safeguarding* u amministrazzjoni ta' assi, tinnegozja fl-investimenti kemm bħala aġent u anke bħala prinċipal kif ukoll tagħmel arranġamenti bl-għan ta' negozju fl-investimenti.

Ix-xhud kompla jispjega li n-negozju ewlieni ta' BPL kien ta' *foreign exchange derivative transactions* għan-nom tal-klijenti tagħha. F'dan in-negozju, BPL kienet taġixxi bħala *matched principal* u b'hekk hija ma kenitx tassumi r-riskju inerenti f'dawn it-*trades*.

Minn naħa l-oħra s-soċjeta' konvenuta kienet taġixxi bħala *liquidity providing counterparty* għat-trades ta' BPL. Fil-passat BPL kienet tuża *liquidity providers* oħra iżda sa mill-2014/2015 BPL kienet qed tuża lil FXDD pratikament b'mod esklussiv bħala *sole liquidity provider* tagħha.

Sas-26 ta' Jannar 2015 kien sar evidenti li BPL ġiet fi stat ta' nsolvenza. B'hekk BPL waqfet tinnegozja minn dik id-data u daħlet f'amministrazzjonni speċjali immedjatament wara fid-9 ta' Frar 2015. BPL sabet ruħha f'din is-sitwazzjoni minħabba kriżi fis-swieq tal-kambju li żviluppat f'dik l-epoka.

L-unika azzjonista ta' BPL sa mill-bidu kienet u baqgħet is-soċjeta' BT Trading Ltd (reġistrata fil-Belize). Ix-xhud huwa l-proprjetarju benefiċjarju aħħari ta' BT Trading Ltd. BT Prime Ltd hija soċjeta' reġistata l-British Virgin Islands u ta' liema x-xhud huwa wkoll il- proprjetarju benefiċjarju aħħari.

Dwar FXDD ir-relazzjoni bejnha u bejn is-soċjeta' attriċi kienet regolata mill-*Customer Agreement* esibit in atti[3]. Huwa qal ukoll li lejn in-nofs tas-sena 2014 il-grupp ta' kumpaniji li fihom tappartjeni FXDD kienu bdew il-proċess biex

[3] Fol 11 et seq

jakkwistaw lil BPL. Bħala parti minn dan il-proċess, ix-xhud sar impjegat tas-soċjeta' Forexware LLC (sister company ta' FXDD) u l-istess seħħ fir-rigward tal-istaff ewlieni tiegħu. Sa Jannar 2015 il-grupp ta' FXDD kellhom il-kontroll *de facto* ta' numru sinifikanti ta' funzjonijiet ta' BPL.

Skont il-kuntratt imsemmi, BPL kellha kont ma' FXDD u hija kienet tiddepożita fih fondi minn żmien għal żmien sabiex FXDD tkun tista' tinnegozja f'isem u fuq struzzjonijiet ta' BPL (li minn naħa tagħha kienet taġixxi f'isem klijenti tagħha).

Ix-xhud kellu l-kontroll ewlieni tal-kont li BPL kellha ma' FXDD għalkemm huwa spiss kien jiddelega l-mekkanika tal-ħlasijiet u l-amministrazzjoni ġornaljera tal-kontijiet lil waħda mill-impjegati tiegħu Marina Borisova.

Trasferiment mill-kont ta' BPL bħal dak mertu tal-proċeduri odjerni kien jirrikjedi l-awtorizzazzjoni tax-xhud jew ta' Marina Borisova għan-nom tiegħu. Tali struzzjoni setgħet tingħata jew oralment jew bil-kitba (normalment b'mod elettroniku). Iżda fi kwalunkwe każ, ir-raġunijiet għal tali trasferiment normalment ikunu ġew dokumentati b'xi mod. Madankollu x-xhud saħaq li huwa mhuwhiex konsapevoli ta' xi dokumentazzjoni li tispjega t-trasferiment li sar u li huwa mertu tal-proċeduri odjerni. Għall-kuntrarju anzi huwa u Marina Borisova skambjaw diversi *e-mails* li jikkonfermaw li ħadd minnhom ma kien awtorizza dan it-trasferiment.

Malli x-xhud sar jaf bit-trasferiment (deskritt aktar 'il quddiem bħala l-"*Balance Transfer*") huwa lmenta ma' FXDD u staqsa għal spjegazzjoni mmedjata. La dak iż-żmien u lanqas wara baqa' ma rċieva tali spjega. Dan kien wieħed mill-fatturi li wasslu biex fit-48 siegħa sussegwenti jikkonkludi li ma kellu ebda għażla oħra ħlief li jwaqqaf lil BPL milli tinnegozja u nforma lill-*UK Financial Conduct Authority* b'dak li huwa ra bħala rregolaritajiet serji fir-relazzjoni bejn BPL u FXDD.

Ix-xhud kien ukoll direttur u proprjetarju benefiċjarju aħħari ta' BT Prime, il-kumpanija li fiha jidher li mar il-*Balance Transfer* skont id-dokumenti esibiti in atti, iżda tenut kont li r-relazzjoni bejn ix-xhud, BPL u BT Prime minn naħa l-waħda u FXDD/FXDD Group minn naħa l-oħra ddeterjorat rapidament fiċ-ċirkustanzi, huwa qatt ma rnexxielu jikkonferma jekk il-*Balance Transfer* wasalx fil-kont ta' BT Prime. Fi kwalunkwe każ huwa jemmen li fil-perjodu li allegatament sar il-*Balance Transfer* il-kont ta' BT Prime kellu bilanċ negattiv. Jista' jagħti l-każ li min għamel il-*Balance Transfer* kien qiegħed jipprova jagħmel tajjeb għan-nuqqas fil-kont ta' BT Prime billi japplika l-eċċess (*surplus*) li kien hemm fil-kont ta' BPL. Huwa nnota li FXDD kienu jkunu l-benefiċjarji ewlenin ta' tali transazzjoni.

Fit-22 ta' Jannar 2015 BPL kellha bilanċ fil-kont tagħha ma' FXDD ta' aktar minn USD3,300,000. F'dak l-istess jum, f'18:02:52 sar trasferiment ta' USD3,000,000 mill-kont li BPL kellha ma' FXDD (il-*Balance Transfer*) apparantement lejn il-kont li BT Prime kellha ma' FXDD.

Ix-xhud ċaħad li hu awtorizza tali trasferiment u lanqas awtorizza lil ħadd biex jagħmel il-*Balance Transfer*. Huwa ċaħad dak li qalet is-soċjeta' konvenuta dwar ir-raġuni tat-trasferiment u ċaħad ukoll is-suġġeriment li awtorizza l-*Balance Transfer* biex in-negozju ta' BPL u BT Prime ikun jista' jkompli. Qal li hu qatt ma kien ser jasal biex jieħu fondi minn kumpanija biex jiffinanzja l-operat ta' kumpanija oħra; tali aġir kieku kien ipoġġih f'pożizzjoni mhux tenibbli kemm legalment u anke f'għajnejn ir-regolatur ta' BPL.

Il-Ħadd 25 ta' Jannar 2015, wara li sar il-*Balance Transfer* huwa kiteb lill-*UK Financial Conduct Authority* ("FCA") biex jirraporta l-preokkupazzjoni tiegħu. Huwa qabel mal-FCA fuq proċess permezz ta' liema n-negozju ta' BPL jitwaqqaf immedjatament (dakinhar stess) u BPL titpoġġa taħt amministrazzjoni

speċjali mill-aktar fis possibbli (dan seħħ permezz t'ordni tal-Qorti datata 9 ta' Frar 2015).

Ix-xhud imbagħad irribatta diversi argumenti oħra mressqa mis-soċjeta' konvenuta fir-risposta ġuramentata tagħha.

Ix-xhud żied jgħid li fit-3 ta' Frar 2015 USD 1,300,000 ġew trasferiti lejn il-kont li BPL kellha ma' FXDD. Kif diġa' kien qal, BPL kienet diġa' waqfet tinnegozja sa dik id-data u hu ma kienx talab li jsir tali trasferiment. Lanqas ma kien jaf minn fejn oriġinaw dawk il-flus.

Fid-9 ta' Frar 2015 huwa ntavola rikors quddiem il-Qorti Ngliża sabiex jiġu appuntati amministraturi speċjali għal BPL. Dakinhar stess sar is-smiegħ u l-Qorti ħatret lil Michael David Rollings u Steven Edward Butt bħala amministraturi speċjali ta' BPL. Minn dakinhar ukoll il-poteri tiegħu *qua* direttur spiċċaw.

2. Xehed **Michael David Rollings**[4] li sa mid-9 ta' Frar 2015 inħatar mill-Qorti Ngliża flimkien ma' Steven Edward Butt bħala Amministratur Speċjali ta' BPL u spjega r-rwol tagħhom f'dik il-vesti. Mill-indaġni li għamlu huma kkonferma li kien sar il-*Balance Transfer* skont kif deskritt minn George Alex Popsecu. Huwa semma anke korrispondenza li kienet skambjata bejn is-sinjura Borisova, is-sinjura Chebatarova u s-sur Popescu dwar il-*Balance Transfer*. Qal ukoll li għalkemm tramite l-avukati tagħhom bħala amministraturi speċjali huma kienu talbu lil FXDD jispjegaw il-*Balance Transfer* baqgħu qatt ma rċevew spjegazzjoni sodisfaċenti. Issa li bdew il-proċeduri, l-unika raġuni li tat is-soċjeta' konvenuta hija li s-sur Popescu awtorizza l-*Balance Transfer* għalkemm lill-amministraturi speċjali ma ngħatatilhom ebda evidenza li tissostanzja din l-allegazjoni. Dan minkejja diversi tentattivi anke permezz ta'

[4] Affidavit a fol 84

skambju ta' korrispondenza ma' FXDD. Kien għalhekk li huma ma kellhom ebda triq oħra għajr li jiftħu l-proċeduri odjerni.

Huwa qal ukoll li sa mid-9 ta' Frar 2015 BPL qatt ma ntavolat proċeduri kontra FXDD f'ġurisdizzjoni oħra għajr Malta. Fir-risposta ġuramentata tagħha s-soċjeta' konvenuta tirreferi għall-proċeduri li għamlet BT Prime Ltd. Għalkemm ix-xhud kien konsapevoli tagħhom huwa ma jistax jikkummenta dwarhom peress li BPL mhijiex parti minnhom.

Qal ukoll li fit-3 ta' Frar 2015 USD 1,300,000 ġew trasferiti fil-kont li BPL kellha ma' FXDD. Huwa ma kienx konsapevoli li saret xi rikjesta sabiex isir dan it-trasferiment. Dan it-trasferiment wassal għal bilanċ ta' USD 1,056,083.76 a favur BPL fil-kont tagħha, liema bilanċ ġie sussegwentement trasferit lill-*Boston Prime Special Administration estate accounts* fit-3 ta' Diċembru.

F'**xhieda ulterjuri**[5] huwa elabora li bħala parti mir-rwol tiegħu ta' amministratur, kemm hu kif ukoll l-amministratur speċjali l-ieħor huma kellhom diversi funzjonijiet fosthom il-prijorita' li jirritornaw lura l-assi tal-klijenti u anke li jġibu l-azjenda lura fuq saqajha u fin-nuqqas isir l-istralċ tal-kumpanija fl-interess tal-kredituri. Huma anke ndagaw mas-soċjeta' konvenuta dwar it-trasferiment tas-somma mertu tal-proċeduri tal-lum iżda peress li kif qal qabel baqgħu qatt ma ngħataw it-tagħrif u dak kollu li kellhom bżonn dwar din it-transazzjoni huma ma kellhomx triq oħra għajr li jagħtu struzzjonijiet lill-avukati f'Malta biex jiftħu l-proċeduri odjerni peress li l-*Customer Agreement* bejn il-kontendenti fil-kawża odjerna kien jirreferi għall-ġurisdizzjoni tal-liġi u l-Qrati ta' Malta. Anzi fir-rigward ta' din il-kwistjoni kienet waħda mir-rappreżentanti tas-soċjeta' konvenuta stess, Julia Chatard li rreferithom għall-*Customer Agreement* bejn l-istess soċjeta' konvenuta u dik attriċi[6].

[5] Fol 257 et seq
[6] Fol 267

In **kontro-eżami**[7] huwa spjega li oriġinarjament kien ġie avviċinat minn George Popescu biex jagħti parir ħalli jpoġġi s-soċjeta' f'proċess ta' stralċ. Kien anke kellmu dwar il-kwistjoni tat-trasferiment ta' fondi mertu tal-proċeduri tal-lum.

Mistoqsi dwar din it-transazzjoni speċifika huwa qal li milli jidher it-trasferiment sar lejn kont f'isem BT Prime Ltd li kienet reġistrata fil-*British Virgin Islands* iżda topera mill-Istati Uniti. Huwa qal li George Popescu kien il-benefiċjarju aħħari kemm ta' BT Prime kif ukoll ta' Boston Prime iżda ma kienx ċert jekk din kinitx is-sitwazzjoni viġenti fil-mument tat-transazzjoni in kwistjoni.

Mistoqsi jafx jekk fir-rigward ta' din it-transazzjoni jew dwar proċeduri ta' likwidazzjoni hemmx proċeduri legali għaddejjin fl-esteru li jinvolvu lil Boston Prime huwa wieġeb fin-negattiv. Wara kjarifika mill-avukati huwa wieġeb li BT Prime, li hija naturalment distinta minn Boston Prime, huma parteċipi fi proċeduri ta' stralċ ġewwa l-Istati Uniti iżda mhux bħala partijiet imma bħala kredituri; pero' t-transazzjoni odjerna ma tiffigurax fihom.

3. Xehdet **Dr Nicola Mallia, direttur eżekuttiv u kap tat-taqsima legali u konformita' tas-soċjeta' konvenuta**[8]. Ilha f'din il-kariga sa mill-11 ta' Lulju 2016 imma kienet impjegata mal-kumpanija f'Diċembru 2015. Hija spjegat ir-relazzjoni bejn FXDD Malta Ltd u FXDD US, liema relazzjoni kienet ukoll a konoxxenza tar-regolatur f'Malta.

Hija kompliet tgħid li s-soċjetajiet Boston Prime u BT Prime kienu jappartjenu lill-istess proprjetarju s-sur George Popescu. It-tnejn kienu klijenti ta' FXDD New York u mbagħad ġew trasferiti lejn Malta.

---

[7] Fol 261 et seq
[8] Fol 152 et seq

Fir-rigward ta' trasferiment tas-somma flus mertu tal-proċeduri odjerni, mill-informazzjoni li kisbet ix-xhud din saret minn naħa tal-fergħa tas-soċjeta' li topera mill-Amerka. Dan għaliex f'dik l-epoka l-fergħa ta' Malta ma kellhiex l-esperjenza meħtieġa biex tagħmel dawn it-tip ta' transazzjonijiet.

In **kontro-eżami**[9]**,** mistoqsija jekk il-klijenti ta' FXDD Malta kinux ġew infurmati bl-arranġament imsemmi bejn FXDD US u FXDD Malta hija wieġbet li safejn taf hi s-soċjeta' attriċi kienet ġiet infurmata b'dan. Qablet pero' li s-soċjeta' attriċi baqgħet dejjem klijenta ta' FXDD Malta.

F'**affidavit ulterjuri**[10] u in risposta għad-domanda dwar meta s-soċjeta' Amerikana FX Direct Dealer LLC irrinunzjat għall-liċenzja tagħha, hija qalet li dan seħħ fl-20 ta' Frar 2015.

4. Xehed **Lachezar Ivanov, *Risk Manager* ta' FXDD Malta** sa minn April 2015[11]. Huwa responsabbli mill-management ġornaljer tal-muniti barranin akumulati mill-klijenti ta' FXDD Malta. Qal li safejn jaf huwa, peress li f'dik l-epoka ma kienx għadu mpjegat tas-soċjeta' konvenuta, f'Jannar 2015 ir-*risk management* u l-operat finanzjarju ta' FXDD Malta kienet tieħu ħsiebhom FXDD New York. Qal ukoll li FXDD New York kienet il-*liquidity provider* ta' FXDD Malta.

Minn informazzjoni li ottjena mill-kotba tal-kumpanija u mill-uffiċjali tal-kumpanija fl-Istati Uniti lilu rriżultalu li t-transazzjoni mertu tal-proċeduri odjerni seħħet fl-Istati Uniti stess minn FXDD US. Dan minħabba raġunijiet ta' struttura u l-operat kif kien f'dak iż-żmien fejn anke l-maġġor parti tal-operat kien isir fi New York. U l-istaff Malti ma kienx għad kellu t-taħriġ meħtieġ biex jagħmilha.

---

[9] Fol 248 et seq
[10] Fol 321
[11] Fol 160 et seq

In **kontro-eżami**[12] huwa qal li l-arranġament li kien sar bejn FXDD Malta u FXDD US kien purament wieħed intern u ma rax li kien neċessarju li jinfurmaw lill-klijenti dwar dan. Huwa reġa tenna li t-transazzjoni mertu tal-proċeduri odjerni ma setgħetx saret minn Malta minħabba li l-istaff ta' Malta ma kienx għad għandu t-taħriġ meħtieġ.

5. Xehed **Shawn Dilkes, Chief Technology Officer f'FXDD US**[13] li qal li in vista emenda li saret f'Diċembru 2014[14] għall-ftehim[15] li kien hemm bejn FXDD US u FXDD Malta, FXDD US provdiet servizzi lil FXDD Malta inkluż *technical support, software solutions, customer support* u *new accounts support.* In vista ta' dan, l-impjegati ta' FXDD Malta ma għamlu ebda transazzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' kontijiet li jirrigwardaw klijenti ta' FXDD Malta stess.

In **kontro-eżami**[16] x-xhud ikkonferma li meta fl-affidavit kien qal li FXDD Malta ma għamlu ebda transazzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' kontijiet li jirrigwardaw klijenti ta' FXDD Malta stess huwa ried ifisser li tali transazzjonijiet ġew inizjati permezz ta' mpjegati fi New York għal klijenti ta' FXDD Malta. Qabel ukoll li minkejja l-ftehim bejn FXDD US u FXDD Malta, il-klijenti baqgħu ta' FXDD Malta. Spjega wkoll li fl-epoka tat-trasferiment mertu tal-proċeduri odjerni it-tip ta' transazzjonijiet li kienet tagħmel FXDD Malta kienu għal *bank reconciliation* u jaħdmu ma' kontijiet ta' banek lokali.

**Ikkunsidrat:**

L-eċċezzjoni mertu tas-sentenza tal-lum tgħid hekk -

[12] Fol 251 et seq
[13] Fol 168
[14] Dok a fol 243 et seq
[15] Dok a fol 237 et seq
[16] Fol 234 et seq

*"Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, qed jiġi eċċepiet in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex taqta' u tiddeċiedi din il-kawża stante illi t-trasferiment li għalih qed issir referenza fi klawsola numru sitta (6) tar-rikors ġuramentat promotur, u li jikkostitwixxi l-bażi ta' din l-azzjoni, ma ġiex imwettaq mis-soċjeta' intimata, iżda ġie mwettaq minn entita' estera ġewwa New York, fl-Istati Uniti, u l-entitajiet li għalihom qed issir referenza li minnhom/għalihom saru t-trasferimenti relattivi huma wkoll esteri – Boston Prime Limited, is-soċjeta' attriċi f'dawn il-proċeduri, debitament rappreżentata, u BT Prime Limited, soċjeta' estera reġistrata taħt il-leġislazzjoni ta' Bermuda bin-numru ta' reġistrazzjoni EC49242. Illi jsegwi għalhekk illi b' applikazzjoni tal-provvedimenti tal-Artikolu 742 (1) tal-Kap 12 tal-Liġi ta' Malta, din l-azzjoni ma tistax tiġi trattata u deċiża hawn Malta, stante illi ma jeżisti ebda ness ġuridiku bejn l-azzjonijiet, t-trasferiment mertu ta' din l-azzjoni u s-soċjeta' eċċipjenti, u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din l-eċċezzjoni."*

Permezz ta' **Nota datata 2 ta' Marzu 2018**[17] is-soċjeta' konvenuta speċifikat illi s-subinċiżi li a bażi tagħhom hija ssollevat din l-eċċezzjoni huma (d) u (e) tal-artikolu 742 (1) tal-Kap 12 li jgħidu hekk –

*"(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:*

*(....)*

*(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

[17] Fol 324

*(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

Dwar dan l-artikolu tal-liġi l-Qrati tagħna qalu hekk –

**Angelo Cutajar & Sons Ltd vs Dr Anthony Cremona et noe deċiż fis-16 t'Ottubru 2003** –

*Illi jibda biex jingħad li, minkejja l-mod kif l-artikolu 742(1) huwa msawwar, il-kwestjoni ta' jekk Qorti Maltija għandhiex is-setgħa li tisma' u tqis kawża mressqa quddiemha (u li l-mertu tagħha jaqa' fil-kompetenza tagħha) trid titqies b'riferenza għall-kwalitajiet tal-persuna mħarrka, l-iżjed fejn ir-raġuni tal-ġurisdizzjoni hija mibnija fuq il-preżenza tal-parti mħarrka f'Malta. Din it-tifsira m'hija xejn għajr l-applikazzjoni tal-massima ġuridika ewlenija li actor sequitur forum rei u tal-oħra li tipprovdi ubi te invenio, ibi te convenio;*

*(.....)*

(B'referenza għas-subinċiż (d) u (e)) *"Iż-żewġ ċirkostanzi li jsegwu jitolbu l-preżenza tal-imħarrek f'Malta. Għall-finijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet, bi "preżenza" wieħed ma jifhimx biss preżenza attwali u fiżika, imma jinkludi fiha wkoll preżenza permezz ta' persuna rappreżentanti tagħha. Minbarra dan, il-kelma "obbligazzjoni" m'għandhiex titfisser b'mod restrittiv, imma għandha tgħodd għal kull rabta li titnissel ex lege, minn kuntratt u saħansitra minn dawk imnisslin ex delicto;*

*(.....)*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett jekk persuna tkunx intrabtet li twettaq obbligazzjoni f'Malta jew li f'Malta jseħħ l-effett tal-obbligazzjoni, wieħed irid jifhem li l-leġislatur ried jirreferi għal dawk l-obbligazzjonijiet li, min-natura tagħhom stess jew mill-mod ta' kif u fejn għandhom jiġu eżegwiti, tabilfors jeħtieġu li jingħata effett lilhom f'Malta."*

**Mario Schembri et vs Dr Anthony Galea Debono et deċiż fis-26 ta' Settembru 2013 -**

*"Riferibbilment ghas-sub-artikoli 742(1)(d) u (e), li huma predikati fuq il-prezenza tal-konvenut f'Malta, jinghad li bi "prezenza" wiehed ma jifhimx biss prezenza attwali u fizika, imma jinkludi fiha wkoll prezenza permezz ta' persuna rapprezentanti taghha . Minbarra dan, il-kelma "obbligazzjoni" m'ghandhiex titfisser b'mod restrittiv, imma ghandha tghodd ghal kull rabta li titnissel ex lege, minn kuntratt u sahansitra minn dawk imnisslin ex delicto. Gie ritenut li In kwantu ghall kelma "obligazzjoni" din ma tirriferixxix biss ghall-obbligazzjonijiet konvenzjonalment assunti b'kuntratt izda tikkomprendi kull xorta ta' obbligazzjoni.." .*

Is-soċjeta' konvenuta ssottomettiet li tenut kont li t-transazzjoni li dwarha titratta l-azzjoni odjerna (i) ġiet esegwita minn impjegati ta' entita' estera u mhux minn dawk tas-soċjeta' konvenuta, u (ii) li din ġiet imwettqa fuq struzzjonijiet u għall-benefiċċju ta' soċjetajiet esteri li huma estranei għal dawn il-proċeduri, hija tal-fehma li l-provvedimenti ċitati ma japplikawx għall-każ in eżami u għalhekk l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa.

Ġie sottomess infatti li t-transazzjoni mertu tal-proċeduri odjerni seħħet bejn Boston Prime li hija reġistrata l-Ingilterra u BT Prime li hija reġistrata British Virgin Islands. Il-konnessjoni bejn dawn iż-żewġ entitajiet hija li l-benefiċjarju aħħari huwa George Popescu li huwa direttur tat-tnejn li huma. Dan it-trasferiment sar minn impjegati ta' FXDD fl-Istati Uniti u mhux dawk f'Malta.

Is-soċjeta' konvenuta żiedet tgħid li għalkemm is-soċjeta' konvenuta hija reġistrata hawn Malta u t-transazzjoni saret tramite l-istess soċjeta', tali transazzjoni saret għall-benefiċċju ta' żewġ soċjetajiet esteri.

Is-soċjeta' konvenuta għamlet referenza għal numru ta' sentenzi in sostenn tat-teżi tagħha.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' attriċi tirribatti li s-soċjeta' konvenuta hija reġistrata hawn Malta u l-*Customer Agreement* li għandha mas-soċjeta' attriċi jistipula li huma l-Qrati Maltin li għandu jkollhom ġurisdizzjoni f'każ ta' disputa. Inoltre hija tissottometti li *se mai* għandha tapplika l-*Brussels Regulation* li tgħid li meta persuna tkun domiċiljata fi Stat membru partikolari hija għandha tiġi mfittxija f'dak l-istat membru. Inoltre u bla preġudizzju, anke jekk kellu japplika l-artikolu 742 tal-Kap 12, sabiex il-Qorti f'Malta ma jkollhiex ġurisdizzjoni jridu ma jkunux sodisfatti ebda wieħed mill-bqija tas-subinċiżi u mhux dawk it-tnejn biss ċitati mis-soċjeta' konvenuta. Is-soċjeta' attriċi żiedet tgħid li jekk l-istaff tas-soċjeta' konvenuta ma kellhomx it-taħriġ meħtieġ biex jagħmlu t-transazzjoni min Malta dik hija problema nterna tagħhom għax fir-realta' t-trasferiment kien jirrigwarda klijenti ta' FXDD Malta. U kwalunkwe ftehim li daħlu fih is-soċjeta' konvenuta ma' FXDD US (*Global Services Agreement*) ma jirrigwardax lis-soċjeta' attriċi, anzi hija estranea għalihom, li hija regolata biss mill-*Customer Agreement* iffirmat mas-soċjeta' konvenuta.

**Ikkunsidrat:**

Wara li semgħet il-provi, rat id-dokumenti esibiti u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet il-Qorti hija tal-fehma ferma li għandha l-ġurisdizzjoni meħtieġa sabiex tisma' l-każ odjern u dan a bażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

1. Fl-ewwel lok, u bħala prinċipju ġenerali kull kawża jeħtieġ tiġi maqtugħa fuq il-kawżali espressi fir-rikors ġuramentat.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawża **John Micallef noe vs Jeffrey Mizzi**, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012:

"*Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni. Is-sentenza kellha għalhekk tispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom u tenut kont tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Kif ritenut, ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita*".

2. Kif diġa' jirriżulta mis-suespost, il-bażi tal-azzjoni odjerna hija allegat ksur ta' ftehim kuntrattwali oltre għal ksur ta' obbligi statutorji u fiduċjarji bejn il-partijiet kawża ta' liema s-soċjeta' konvenuta għandha, skont it-talbiet tas-soċjeta' attriċi, tħallasha d-danni.

3. Il-ftehim kuntrattwali bejn il-partijiet huwa l-*Customer Agreement* li ġie esibit in atti. Ma jirriżulta ebda ftehim ieħor li jirregola r-relazzjoni ġuridika u ta' negozju bejn il-partijiet. Skont dan il-ftehim, FXDD kienet tagħmel *trades* għan-nom ta' BPL fuq awtorizzazzjoni tagħha a tenur ta' klawsola 10 u dan bil-flus depożitati ma' FXDD għal dan il-għan skont klawsola 9.

4. Ma hemm ebda dubju li l-qofol tal-kawża huwa transazzjoni waħda konsistenti fi trasferiment ta' fondi minn kont li BPL kellha mas-soċjeta' konvenuta allegatament mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-istess soċjeta' attriċi, liema awtorizzazzjoni kienet meħtieġa a tenur tal-ftehim imsemmi. Il-kawża mela hija intrinsikament mibnija fuq u marbuta madwar dan il-kuntratt.

5. **Klawsola 35** ta' dan il-ftehim tgħid hekk –

*"Law and Jurisdiction*

*This Customer Agreement shall be governed by, and construed in accordance with the law of Malta without giving effect to its conflict of laws provisions. With respect to any suit, action or proceeding ("Proceeding") relating to the Customer Agreement, the Customer hereby irrevocably (i) submits to the*

*jurisdiction of the Courts of Malta, including but not limited to in those cases where the Customer is domiciled or resident abroad; (ii) waives any objection which customer may have at any time to the laying of venue of any Proceeding brought in any such court and; (iv) waives any claim that such Proceeding has been brought in an inconvenient forum. However without prejudice to and notwithstanding the foregoing, FXDD reserves the right to file an action in the country of domicile and/or residence of the Customer or before any other competent court, in which case Maltese law (without giving effect to conflict of laws provisions) will still apply and in which case the Customer waives any objection which Customer may have at any time to the laying of venue of any Proceeding brought in any such court and waives any claim that such Proceeding has been brought in an inconvenient forum."*

6. Fil-fehma tal-Qorti huwa evidenti għalhekk li din il-klawsola hija tassattiva u ma tħalli ebda lok għal għażla ta' forum. Anzi qegħda tikkonċedi b'mod irrevokabbli l-ġurisdizzjoni lill-**liġi Maltija u lill-Qrati Maltin** għal dak kollu li jirrigwarda l-*Customer Agreement* imsemmi. Dan anke għar-rigward ta' klijenti li huma domiċiljati jew residenti fl-esteru kif inhija s-soċjeta' attriċi li hija rreġistrata ġewwa l-Ingilterra.

7. Hija għalhekk infondata fil-fatt u fid-dritt l-eċċezzjoni in eżami mressqa mis-soċjeta' konvenuta fil-kuntest tal-kawża odjerna.

8. Fil-fehma tal-Qorti s-soċjeta' konvenuta qegħda leġġerment tipprova tevadi l-applikabilita' ta' din il-klawsola 35 billi targumenta li l-Qrati Maltin m'għandhomx ġurisdizzjoni a tenur tal-artikolu 742 (1) tal-Kap 12 għax it-transazzjoni in kwistjoni ġiet esegwita minn impjegati ta' entita' estera li m'humhiex impjegati tas-soċjeta' konvenuta u li tali transazzjoni twettqet ukoll għall-benefiċċju u fuq struzzjonijiet ta' soċjetajiet esteri li huma estranei għall-proċeduri odjerni. Madankollu dawn ir-raġunijiet ma għandhom ebda effett fuq l-eżistenza tal-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Fl-ewwel lok, irriżulta mill-provi mressqa s'issa li għalkemm jidher li t-transazzjoni saret minn impjegati ta' FXDD US in vista ta' nuqqas ta' taħriġ f'dik l-epoka tal-istaff ta' FXDD Malta, dan kien purament arranġament intern u amministrattiv bejn iż-żewġ kumpaniji msemmija li legalment huwa *res inter alios acta* għas-soċjeta' attriċi. Ir-relazzjoni ġuridika baqgħet dejjem bejn is-soċjeta' attriċi u dik konvenuta, liema relazzjoni baqgħet dejjem regolata mill-*Customer Agreement*. Għalhekk

il-ġurisdizzjoni tal-Qorti hija pjenament maqbula bejn il-partijiet u l-mertu tal-kawża odjerna jaqa' fl-ambitu ta' dak regolat mill-klawsola 35 u l-bqija tal-*Customer Agreement*.

9. Għal kull buon fini l-Qorti tirrimarka li b'referenza għas-sottomissjoni tas-soċjeta' konvenuta a fol 334 li l-kopja tal-*Customer Agreement* preżentata mar-rikors ġuramentat a fol 11 *et seq* mhuwhiex id-dokument li jorbot lill-partijiet, inġiebet prova mhux megħluba li l-kopja tal-ftehim li ġiet esibita a fol 271 *et seq* - u li hija l-istess bħal dik a fol 11 *et seq* – hija dik mibgħuta mis-soċjeta' konvenuta stess lis-soċjeta' attriċi b'email (a fol 267). Mela ma ntweriex f'dan l-istadju, kif tallega s-soċjeta' konvenuta, li l-ftehim in kwistjoni, inkluż għalhekk il-klawsola 35 mhuwhiex dak li jirregola lill-partijiet.

10. Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost ma hemm ebda lok li l-Qorti tidħol fil-kwistjoni sollevata fit-trattazzjoni dwar l-applikabilita' o meno tar-Regolament ta' Brusell dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Nru44/01 kif rimpjazzat bir-Regolament 1215/12) u l-ġurisprudenza ċitata mill-partijiet fir-rigward.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta li tirrigwarda l-ġurisdizzjoni tal-Qorti biex tisma' l-każ u tordna l-prosegwiment tal-proċeduri.**

**L-ispejjeż marbuta ma' din l-eċċezzjoni ikunu a karigu tas-soċjeta' konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**